MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 6000/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Bertram Zahra, iben Joseph u Emmanuela nee` Spiteri, imwieled Pieta fl-14 ta' Lulju 1990, detentur tal-karta ta' identita` nru 340390M u residenti nru 12 S. Adeodata, Zejtun**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Bertram Zahra u cioe talli f'dawn il-Gzejjer gewwa z-Zejtun, ghall-habta ta' 14.30hrs naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat J. Padovani Grima li b'digrieti ta' nhar it-22 ta' April, 2007 u s-6 ta' Dicembru, 2006, rispettivament:

meta nqabad jisraq fil-fatt minn fond nru 17, Sqaq S. Adeodatu Zejtun u ghalhekk kiser il-kundizzjoni nru (4) li ma jghamilx delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u li bieh inghata l-helsien mill-arrest.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta illi l-bierah stess l-imputat gie arrestat u mressaq il-Qorti b'akkuzi dwar serq minn fond gewwa z-Zejtun.  Ghalkemm kif jirrizulta mill-istqarrija esebita bhala Dok JA4 kif ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Agius u ta' l-Ispettur Carlos Cordina l-imputat anke irritonrna r-resfurtiva mehuda minnu, madanakollu huwa ma ammettiex ghal dawn l-akkuzi quddiem il-Qorti u ghalhekk il-kaz tieghu ghadu sub iudice u ma ghaddiex in gudikat.

Illi fis-sistema penali Maltija persuna li qed tigi pprocessata quddiem Qorti ghadha titqies li hija innocenti sakemm ma jigix ippruvat il-kontra. Kwindi sakemm il-kawza tghaddi in gudikat l-imputat jibqa' jitqies li huwa bniedem innocenti u li ma ikkommetta l-ebda delitt li dwaru jkun qed jigi akkuzat.

Ghandu jinghad madanakollu illi mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta illi fil-fatt l-imputat gie misjub hati li kkommetta diversi reati waqt li huwa kien mehlus bil-bail, izda madanakollu ma ingiebet l-ebda prova quddiem il-Qorti dwar jekk huwa diga giex akkuzat bi ksur tal-kondizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest meta huwa gie misjub hati ta' l-istess.

Illi l-akkuza odjerna hija ibbazata proprju fuq l-kummissjoni ta' l-allegat reat li sehh minn gewwa z-Zejtun

u mhux dwar  il-kummissjoni tar-reati l-ohra li dwarhom huwa diga gie misjub hati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, peress illi l-imputat ghadu ma giex misjub hati li kkommetta d-delittt ta’ serq indikat fl-akkuza, l-imputat qed jigi liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------